MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## GABRIELLA VELLA

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2011

Avviz Numru. 409/2008

**Peter Azzopardi (I.D. Card Nru. 0059137M)**

**Vs**

**William Rizzo u Gaetana Rizzo (I.D. Card Nri. 10754M u 431556M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ipprezentat mill-attur permezz ta' liema jitlob li l-konvenuti jigu ikkundannati jhallsuh is-somma ta' sebat elef disa' mija u sitt Euro (€7,906), minnhom accettata u mhallsa permezz ta' zewg *cheques* ta' l-import ta' Lm1,700 (€3,959.93) kull wiehed, rapprezentanti flejjes dovuti lill-attur rizultat ta' bejgh tal-*business* tieghu lill-konvenuti;

Rat ir-Risposta tal-konvenuti permezz ta' liema jeccepixxu li: (i) preliminarjament l-azzjoni attrici hija perenta ai termini ta' l-Artikoli 541 u 542 tal-Kap.13 tal-Ligijiet ta' Malta u dana stante li l-azzjoni attrici hija nascenti minn

*cheques* li nhargu aktar minn hames snin ilu; (ii) in linea preliminari wkoll, l-azzjoni attrici hija preskritta ai termini ta' l-Artikolu 2156(f) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, u dana stante li l-azzjoni attrici hija nascenti minn transazzjoni kummercjali li giet konkluza bejn il-partijiet aktar minn hames snin ilu; u li (iii) fil-mertu it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dana stante li huwa assolutament inveritier li hemm xi amont dovut minnhom lill-attur;

Rat illi l-partijiet kontendenti ressqu provi dwar l-ewwel zewg eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuti u li l-kawza thalliet ghas-sentenza fuq dawn iz-zewg eccezzjonijiet;

Semghet ix-xhieda moghtija mill-attur u mill-konvenut waqt is-seduta tas-16 ta' Dicembru 2010[1] u rat iz-zewg *cheques* ta' l-import ta' Lm1,700 kull wiehed u datati 12 ta' Dicembru 2002 u 17 ta' Dicembru 2002 rispettivament, esebiti u flimkien immarkati bhala Dok. "FD1"[2];

Rat l-atti l-ohra tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Bl-azzjoni odjerna l-attur jitlob li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsuh is-somma ta' €7,906.00, liema somma giet minnhom accettata bil-hrug ta' zewg *cheques* tal-valur ta' €3,959.93 (Lm1,700) il-wiehed, rapprezentanti flejjes dovuti lilu b'rizultat tal-bejgh tal-*business* tieghu lill-konvenuti. In opposizzjoni ghat-talba attrici l-konvenuti, in linea preliminari jecepixxu li l-azzjoni attrici hija perenta a tenur ta' l-Artikoli 541 u 542 tal-Kap.13 tal-Ligijiet ta' Malta u li hija preskritta a tenur ta' l-Artikolu 2156(f) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-Artikoli 541 u 542 tal-Kap.13 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdu li *z-zminijiet kollha stabbiliti b'disposizzjoni ta' dan il-Kodici ghall-ezercizzju ta' azzjonijiet jew regressi li*

---

[1] Fol. 27 sa' 28 u fol. 25 sa' 26 tal-process.
[2] Fol. 24 tal-process.

*gejjin minn atti kummercjali,* <u>*huma perentorji*</u>[3]*; u l-beneficcju tar-restitutio in integru bis-sahha ta' titolu, motiv jew privilegg li jkun, ma jghoddx* (Art. 541) u li *bla hsara ghad-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 238, 239 u 263, l-azzjonijiet li gejjin minn kambjali jew minn biljetti negozjabbli jew promissory notes, jaqghu bil-preskrizzjoni wara hames snin minn dakinhar li jaghqlu, u* <u>*l-azzjonijiet li gejjin minn tratti jew cheques fuq bankiera jew kaxxiera jaqghu bil-preskrizzjoni wara hames snin mid-data taghhom*</u>[4] (Art. 542).

Mill-Artikolu 542 tal-Kap.13 tal-Ligijiet ta' Malta jirrizulta ferm evidenti li dan it-terminu perentorju ta' hames snin japplika fil-kaz ta' azzjonijiet li gejjin *inter alia* minn *cheques* u l-konvenuti jikkontendu li tali provvediment tal-Ligi japplika fil-kaz in ezami ghaliex l-azzjoni attrici hija nascenti minn *cheques,* li appuntu inhargu iktar minn hames snin ilu.

Mill-provi prodotti jirrizulta li f'xi zmien qabel it-12 ta' Dicembru 2002 – id-data ta' l-ewwel miz-zewg *cheques* esebiti u markati bhala Dok. "FD1" – l-attur ittrasferixxa il-*business* tieghu lill-konvenuti u l-import taz-zewg *cheques* datati 12 ta' Dicembru 2002 u 17 ta' Dicembru 2002 rispettivament (Dok. "FD1") kien jirrapprezenta parti mill-hlas li kien dovut mill-konvenuti lill-attur ghal tali trasferiment. Jirrizulta però li z-zewg *cheques* ma gewxipprezentati l-Bank biex jissarfu u b'hekk l-import taghhom qatt ma ghadda ghand l-attur.

Il-konvenut stess jirrikonoxxi li z-zewg *cheques* in kwistjoni qatt ma gew ipprezentati l-Bank ghall-hlas u li l-import taghhom qatt ma ghadda ghand l-attur. In fatti waqt is-seduta tas-16 ta' Dicembru 2010 xehed illi *qed nigi muri zewg cekkijiet datati rispettivament 17 ta' Dicembru 2002 u 12 ta' Dicembru 2002. Nikkonferma li dawn huma cekkijiet mahruga minni. Mill-esperjenza li ghandi jiena, minnhom jirrizulta li dawn l-istess zewg cekkijiet lanqas biss gew ipprezentati ghall-hlas lill-bank. Il-valur indikat f'dawn iz-zewg cekkijiet jirrapprezenta l-imghax li kellna*

[3] Sottolinear tal-Qorti.
[4] Sottolinear tal-Qorti.

*nhallsu lill-attur u l-quantum ta' dan l-imghax kien inhadem mill-accountant. Dawn kienu pagamenti li kienu gewipprezentati biex tinghalaq il-kwistjoni ta' l-imghax tas-somma. Jiena qed nghid li dawn iz-zewg cheques ma gewx ipprezentati lill-bank ghar-raguni illi kieku gew ipprezentati biex jissarfu u ma setghux jissarfu, fuqhom kien ikun hemm indikat referred to drawer. L-import ta' dawn iz-zewg cekkijiet ma thallasx ghar-raguni li dawn l-istess zewg cekkijiet ma gewx ipprezentati ghall-hlas.*

L-attur spiega ghaliex dawn iz-zewg *cheques* ma gewx ipprezentati l-Bank biex jissarfu bil-mod segwenti: *iz-zewg cekkijiet li gew ipprezentati llum u immarkati bhala Dok. FD1 huma fil-fatt parti mill-hlas li kelli nircieci u kienu zewg cekkijiet fejn jiena kont incempel lill-konvenut biex nara nistax nghaddihom il-bank u hu kull darba kien jghidli biex ghal il-mument nerhilhom. Meta z-zewg cekkijiet kienu skadew, jiena kont bghatt lin-neputi tieghi ghand il-konvenut biex jaghtih zewg cekkijiet ohra izda kien qallu biex ghal dak il-hin ihallihom.*

Ladarba z-zewg *cheques* datati rispettivament 12 ta' Dicembru 2002 u 17 ta' Dicembru 2002 qatt ma gew ipprezentati mill-attur il-Bank biex jissarfu u fil-frattemp lahqu skadew u ma gewx sostitwiti, huwa evidenti li l-attur ma huwiex qed jagixxi fil-konfront tal-konvenuti bl-azzjoni nascenti mic-*cheques* izda, kif kellu kull dritt jaghmel, bl-azzjoni ordinarja derivanti mir-rapport guridiku li nholoq bejnu u l-konvenuti konsegwenti ghat-trasferiment tal-*business* tieghu lill-istess konvenuti.

Huwa principju stabbilit fis-sistema guridika nostrali li ghalkemm *cheques* huma affini ghall-kambjalijiet u min-natura taghhom joholqu drittijiet u konsegwenti obbligazzjonijiet li huma indipendenti mill-*causa obligationis* jew kuntratt originali li taw lok ghall-hrug ta' dak ic-*cheque*[5], il-possessur tac-*cheque* mhux limitat biss ghad-dritt ta' azzjoni nascenti appuntu mic-*cheque* izda jista' wkoll jezercita kontra d-debitur l-azzjoni ordinarja

[5] Marlene Vella et v. Avukat Dottor Antoine Gambin et, Citaz. Nru. 3424/96 deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-26 ta' April 2001.

nascenti mill-*causa obligationis* jew kuntratt originali li taw lok ghall-hrug tac-*cheque*.

Dan il-principju gie enuncjat mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-sentenzi fl-ismijiet **Marlene Vella et v. Avukat Dottor Antoine Gambin et, Citaz. Nru. 3424/96** deciza fis-26 ta' April 2001 u **Michael Attard v. Grazia Meilak et**, deciza fl-14 ta' Dicembru 1959[6], fejn inghad illi *l-Pipia fil-kumment tieghu ghall-artikolu 434 tal-Kodici tal-Kummerc Taljan (analogu ghall-artikolu 319 taghna* [illum Artikolu 263]*) imur josserva illi 'oltre questa azione cambiaria (i.e. proprja tac-cheque) può competere al possessore la normale azione derivante dal substrato casuale nei confronti di chi gli trasmisse il titolo come mezzo d'estinzione di una precedente obligazione rimasta per contro insodisfatto; basterà a lui provare coi normali mezzi probatori la mancata promessa del traente di fargli pagare una somma dal trattario, perchè al traente incombe l'onere di distruggere la presunzione che sta contro di lui.* ***Questa azione 'ex causa' sopravvive alla prescrizione cambiaria perchè la perdita dell' azione cambiaria non può favorire meno gli effetti di un rapporto di ordine normale, ne eliminare il substrato casuale che determinò il traente a riconoscersi debitore emmettendo il relattivo assengo bancario***[7].

Oltre dan kollu osservat, il-fatt li l-attur mhux qed jagixxi fil-konfront tal-konvenuti bl-azzjoni nascenti mic-*cheques* izda bl-azzjoni ordinarja ghall-hlas ta' kreditu, johrog car ukoll mir-Rikors promotur innifsu fejn l-attur kjarament jiddikjara li s-somma minnu pretiza minghand il-konvenuti tirrapprezenta flejjes minnhom dovuti lilu b'rizultat tal-bejgh tal-*business* tieghu lilhom, u l-hrug tac-*cheques* imsemmija huwa biss indikazzjoni li dik is-somma già giet minnhom accettata bhala dovuta.

Fid-dawl ta' dan kollu osservat jirrizulta car li t-terminu perentorju ta' hames snin stipulat fl-Artikolu 542 tal-Kap.13 tal-Ligijiet ta' Malta ma japplikax ghall-kaz in

[6] Kollezzjoni ta' Decizjonijiet tal-Qrati Superjuri ta' Malta, Vol. XLIII – ii – 834.
[7] Enfasi tal-Qorti.

ezami u ghaldaqstant l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenuti ma tistax tigi milqugha.

Il-konvenuti jilqghu ghat-talba attrici b'eccezzjoni preliminari ohra u cioè bl-eccezzjoni tal-preskrizzjoni kwinkwennali ai termini ta' l-Artikolu 2156(f) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta. Huma jibbazaw din l-eccezzjoni fuq l-affermazzjoni li l-azzjoni attrici hija bbazata fuq transazzjoni kummercjali illi giet konkluza iktar minn hames snin ilu.

Kif già iktar 'l fuq osservat mill-provi prodotti jirrizulta li f'xi zmien qabel it-**12 ta' Dicembru 2002** l-attur ittrasferixxa l-*business* tieghu lill-konvenuti. Jirrizulta wkoll, billi ma ngabitx prova li turi mod iehor, illi l-ahhar pagament effettwat mill-konvenuti lill-attur sehh f'xi zmien qabel it-**12 ta' Dicembru 2002**. L-azzjoni odjerna giet istitwita fid-**9 ta' Dicembru 2008**, jigifieri iktar minn hames snin wara li gie effettwat l-ahhar hlas mill-konvenuti lill-attur, u ma jirrizultax li b'xi mod l-attur interrompa d-dekors tat-terminu qabel il-ftuh ta' dawn il-proceduri. Madanakollu però l-Qorti hi tal-fehma li fid-dawl tax-xhieda moghtija mill-konvenut William Rizzo waqt is-seduta tas-16 ta' Dicembru 2010, it-tieni eccezzjoni sollevata mill-konvenuti ghandha tigi michuda wkoll.

Meta gie muri z-zewg *cheques* ta' l-import ta' Lm1,700 il-wiehed datati 12 ta' Dicembru 2002 u 17 ta' Dicembru 2002 rispettivament, il-konvenut kkonferma li *dawn huma cekkijiet mahruga minni. Mill-esperjenza li ghandi jiena, minnhom jirrizulta illi dawn l-istess zewg cekkijiet lanqas biss gew ipprezentati ghall-hlas lill-bank. <u>Il-valur indikat f'dawn iz-zewg cekkijiet jirrapprezenta l-imghax li kellna nhallsu lill-attur u l-quantum ta' dan l-imghax kien inhdaem mill-accountant</u>. <u>Dawn kienu pagamenti li kienu gew ipprezentati biex tinghalaq il-kwistjoni ta' l-imghax tas-somma</u>. Jiena qed nghid li dawn iz-zewg cekks ma gewx ipprezentati lill-bank ghar-raguni illi kieku gew ipprezentati biex jissarfu u ma setghux jissarfu, fuqhom kien ikun hemm indikat referred to drawer. <u>L-import ta' dawn iz-zewg cekkijiet ma thallasx ghar-raguni li dawn l-istess zewg cekkijiet ma gewx ipprezentati ghall-hlas</u>. Jiena*

*madwar tmien jew disa' snin ilu kelli accident bil-karozza u jista' jkun li f'dak iz-zmien kien hemm xi cekkijiet li kont ghedt lill-attur biex ma jipprezentahomx u jistenna ftit taz-zmien qabel ma jghaddihom ghall-hlas izda rrid nghid li dawn iz-zewg cekkijiet li qed nara llum ma kienux fost dawk li ghedtlu ma jipprezentax*[8].

Bix-xhieda tieghu l-konvenut William Rizzo rrinunzja ghall-preskrizzjoni già akkwistata[9] ghaliex ghalkemm in ezami stqarr li *m'ghandna naghtuh xejn* [lill-attur] *billi dan l-ammont thallas kollu,* in kontro-ezami gharaf li kienet minnhom dovuta lill-attur is-somma ta' Lm3,400 rapprezentanti hlas ta' imghax minnhom dovut lill-attur in konnessjoni mat-trasferiment tal-*business* ta' l-attur lilhom, u li dan l-ammont baqa' ma thallasx ghaliex ic-*cheques* imsemmija ma gewx ipprezentati mill-attur lill-bank ghall-hlas.

Hawnhekk japplika dak osservat mill-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza fl-ismijiet **Dr. Toni Abela noe v. Maurice Vassallo**, deciza fid-19 ta' Mejju 2000, *li kieku l-konvenut xehed li m'ghandux jaghti flus lill-attur nomine u lanqas jiftakar li ghandu jtih, u waqaf hemm bla htiega ta' spjegazzjoni ulterjuri, allura l-eccezzjoni tieghu kienet certament tregi imma hawn si tratta ta' persuna li qeghda tistqarr bic-car bil-gurament taghha li ma hallsitx. Kwindi lanqas hu kaz li l-konvenut 'ma jiftakarx' li ghandu jaghti xi haga ghax hu jiftakar li ma hallas qatt.* Ghalkemm dan il-principju gie enuncjat fil-kuntest ta' proceduri fejn il-konvenut inghata il-*guramento decisorio* u mhux xehed minn jeddu kif gara fil-kaz in ezami, il-Qorti hi tal-fehma li l-principju japplika xorta wahda ghal dan il-kaz. Japplika wkoll dak osservat mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza fl-ismijiet **Zammit & Cachia Trading Co. Ltd. et v. Francis Mizzi, Appell Civili Nru. 1440/04** deciza fis-7 ta' Dicembru 2005 – *ghall-azzjoni tal-kreditur ma tibqax opponibbli l-preskrizzjoni jekk id-debitur b'att tieghu spontaneu ta' assunzjoni ta' certu sistema ta' difiza, ipoggi ruhu fi stat ta' fatt li jirrendi inkompatibbli l-posizzjoni guridika tieghu mal-prezunzjoni kostitwenti l-*

---

[8] Fol. 25 sa' 26 tal-process. Sottolinear tal-Qorti.
[9] Artikoli 2108 u 2109 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.

*fondament tal-preskrizzjoni u l-forma permessa mill-ligi lill-kreditur biex jikkumbatti dik l-istess preskrizzjoni*.

L-effetti guridici tax-xhieda tal-konvenut William Rizzo jeffettwaw ukoll il-posizzjoni ta' martu l-konvenuta Gaetana Rizzo ghaliex ai termini ta' l-Artikolu 1100 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta *l-accettazzjoni tad-dejn minn wiehed mid-debituri in solidum, u kull att iehor li jikser il-preskrizzjoni* [u fil-fehma tal-Qorti anke li jwassal ghar-rinunzja tal-preskrizzjoni] *ghall-wiehed minn dawk id-debituri, jikser il-preskrizzjoni wkoll ghad-debituri l-ohra u ghall-werrieta taghhom*.

Ghaldaqstant, it-tieni eccezzjoni sollevata mill-konvenuti ghandha tigi michuda ukoll.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad l-ewwel u t-tieni eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuti u tordna l-prosegwiment tal-kawza biex din tigi deciza fil-mertu.

L-ispejjez relattivi ghal dan il-gudizzju ghandhom jigu sopportati mill-konvenuti.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------